# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru, 2002 .

### Citazzjoni numru : 214/2000G1(PC)

Victor Attard,
Michael Attard,
Josephine Buttigieg,
Carmela Zammit,
Maria Debrincat, Carmela Mizzi, Frances Camilleri u Ganni Buttigieg,
Beatrice Gatt .

vs

Ganni Atttard

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi,wara li ppremettew :

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru, tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) fil-kawza fl-ismijiet "Victor Attard et vs. Ganni Attard" (citaz. Numru. 113/1993) il-konvenut gie ordnat sabiex ihalls lill-atturi s-somma ta' erba u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm24,685.72) rapprezentanti s-sehem li jispetta lilhom mill-valur tal-fond numru tmienja u tletin (38) u bieb iehor bla numru fi Triq Sant'Indrija, Xewkija, Ghawdex .

Illi minn din is-sentenza ma sar ebda appell izda sussegwentement proprju meta l-esponenti kienu bdew proceduri ghall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza inkluz billi kienu anki talbu l-bejgh bis-subbasta tal-fond imsemmi, l-konvenut ipproceda kontra l-atturi b'zewg kawzi fl-ismijiet "Ganni Attard vs. Victor Attard et" wahda sabiex tigi ritrattata l-kawza msemmija (citaz. Nru. 39/1996) u l-ohra sabiex tigi sospiza l-esekuzzjonit tas-sentenza msemmija (citaz. Nru. 38/1996) .

Illi permezz ta' zewg sentenzi moghija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru, tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) dawn iz-zewg kawzi gew michuda .

Illi minhabba fis-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza originali u r-rifjut da parti tal-konvenut sabiex ihallas lill-atturi dak lilhom dovut skond kif ordnat minn din il-Qorti, l-atturi sofrew danni minhabba n-nuqqas tad-dhul tal-flus dovuti .

Illi minkejja li gie interpellat sabiex ihallas dawn id-danni l-konvenut baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvent jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni/interessi kollha sofferti mill-aturi konsegwenza tal-proceduri fuq imsemmija .

2. Tillikwida dan id-danni ;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu, 2000 u tal-ittra ufficjali spedita f'Mejju 2000 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi mahlufa minn Victor Attard .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi billi l-obbligazzjoni tal-eccipjent imsemmija fic-citazzjoni (i) mhix wahda ta' natura kummercjali u l-anqas hija *ex lege (ii)* kellha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jistghu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata, meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena u (iii) tali imghaxijiet jibdew jghoddu biss minn dakinhar li ssir sejha ghalihom b'att gudizzjarju – liema sejha ghall-hlas qatt ma saret – l-ebda danni/interessi ma huma dovuti mill-eccipjent .

2. Illi l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza .

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li huwa gie awtorizzat jipprezenta fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2002 u permezz ta' liema huwa zied jeccepixxi :

1. Illi in kwantu l-azzjoni attrici hija bbazata fuq *culpa aquiliana* (Artiklu 1047 Kodici Civili) din hija infondata fil-fatt, kif ukoll fid-dritt billi dan mhux allegat kaz ta' delitt konsistenti filli ttellef lil persuna l-uzu

tal-flus taghha imma kaz ta' allegat dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligu ta' pagament ta' somma determinata li l-konvenut kellu fil-konfront tal-atturi (Artiklu 1139 Kodici Civili), tant illi anke l-istess atturi fic-citazzjoni taghhom mhux qeghdin jitolbu l-interessi minhabba li l-attur cahhadhom minn uzu ta' flus illi diga' kellhom, imma minhabba li dam ma tahom flus lilhom dovuti ; *minhabba n-nuqqas tad-dhul tal-flus dovuti* .

2. Illi di piu', anke fir-risposta taghhom ipprezentata fit-28 ta' Mejju 2001, l-atturi jghidu li qed jagixxu minhabba *cul-a aquiliana u cioe' hitja da parti tal-konvenut li jhallas flus kif kien tenut li jaghmel skond il-ligi* . Qeghdin jekwiparaw ksur ta' obbligazzjoni *ex lege* ma' delitt . Pero' Kreditur li jkun moruz fil-pagament ta' debitu minnu dovut lill-kreditur ma jikkommettix delitt, imma jkun kiser jew obbligazzjoni *ex lege* inkella obbligazzjoni minnu imposta direttament mil-ligi, detta obbligazzjoni *ex lege* .

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kif ukoll ghan-nota tal-eccezzjonijiet originali, l-azzjoni a bazi ta' *culpa aquiliana* tinstab preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn a tenur tal-Artiklu 2153 tal-istess Kodici ;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, f'azzjoni *ex delicto* trid tigi ppruvata l-intenzjoni doluza da parti tal-konvenut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenut .

Rat il-verbal taghha tat-22 ta' Jannar 2002 fejn halliet il-kawza ghall-lum ghas-sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu il-konvenut qajjem *inter alia* l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap.16. li jittratta l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat . Huwa opportun ghalhekk illi qabel xejn tigi ttrattata din l-eccezzjoni . Fil-kawza prezenti l-atturi qeghdin jirreklamaw id-danni li jippretendu li kkawzalhom il-konvenut kagun tad-dewmien sabiex jircievu fi flus sehemhom mill-wirt tal-genituri taghhom, wara li l-ammont dovut kien gie likwidat minn din il-Qorti stess permezz tas-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru 1995 (Citaz. Nru.113/1993 fl-istess ismijiet) . Il-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta' Dicembru 2000, wara li l-atturi kienu interpellaw lill-istess konvenut biex jaghmel il-hlas opportun, permezz ta' l-ittra ufficcjali ta' l-10 ta' Mejju 2000 (Dok. X a fol. 91 tal-process) . *Prima facie* jidher allura illi s-sentejn preskritti mill-ligi sabiex issir talba ghall-hlas tad-danni a tenur ta' l-artikolu citat lahqu skadew . Imma gara illi, minkejja illi dik is-sentenza ghaddiet in gudikat u ghalhekk

l-atturi kellhom titolu ezekuttiv a favur taghhom, huma ma setghux jakkwistaw dak dovut lilhom, billi s-subbasta relattiva giet sospiza wara li l-konvenut kien istitwixxa proceduri godda biex jittenta jinvalida s-sentenza imsemmija . Iz-zewg kawzi minnu ntavolati gew decizi fil-25 ta' Novembru 1999, u eventwalment il-konvenut resaq sabiex jaghmel il-hlas opportun (ara kuntratt in atti Nutar P. Pisani tat-23.6.2000 "Dok. Y" a fol. 87-90) . Kien biss mid-data ta' dawn is-sentenzi li l-atturi setghu jergghu jkunu certi mit-titolu ezekuttiv taghhom u jfittxu ghad-danni . F'tali cirkostanzi ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistghax tigi milqugha .

Madankollu l-kontensjoni ewlenija bejn il-partijiet, kif jirrizulta min-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, tirrigwarda liema artikolu tal-Kodici Civili dwar it-twettieq ta' obbligazzjonijiet huwa applikabbli ghall-kaz in ezami. L-atturi, kif kellhom anke l-okkazzjoni jipprecizaw fin-nota taghhom tat-28 ta' Mejju 2001 (a fol. 36), jghidu li qed jagixxu minhabba *culpa aquiliana* a bazi tal-artiklu 1047 tal-Kap.16 . Dan l-artikolu tal-Kodici Civili ntitolat "*meta l-hsara tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha*" jistipula testwalment illi :

" **(1) Il-hsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta' l-imghaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena .**

**(2) Izda, jekk il-parti li tikkaguna l-hsara tkun ghamlet dan dolozament, il-Qorti tista', skond ic-cirkostanzi, taghti wkoll lill-parti li tbati l-hsara indennizz ghal kull hsara ohra li tkun batiet, kompriz kull telf ta' qliegh, jekk jigi ppruvat li l-parti li ikkagunat il-hsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-uzu ta' flusha, kellha partikolarment il-hsieb li taghmlilha dik il-hsara l-ohra, jew jekk dik il-hsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-hsara giet hekk imtellfa l-uzu ta' flusha .**

**(3) Is-somma li ghandha tinghata ghal dak it-telf ta' qliegh fuq imsemmi tigi likwidata mill-Qorti skond ic-cirkostanzi tal-kaz."**

Bhal fi kwalunkwe kawza ghad-danni l-atturi qeghdin ghalhekk jippretendu illi ghandhom jigu kkumpensati ghall-hsara attwali (*damnum emergens*), kif ukoll ghat-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*) . F'kaz ta' telf ta' l-uzu ta' flushom, kif ghandna fil-kaz in ezami, l-atturi ghalhekk jinsistu illi dawn id-danni ghandhom jirreflettu sew it-telf ta' l-imghaxijet, kontemplati fl-ewwel sub-inciz ta' dan l-art, kif ukoll it-telf ta' qliegh iehor li jigi ppruvat li setghu ghamlu kieku ma gewx hekk imcahhda minn flushom, u dana kif stipulat fis-subinciz tnejn ta' l-istess artikolu .

Il-konvenut da parti tieghu jinsisti illi l-azzjoni prezenti ma tista' qatt tkun wahda ta' *culpa aquiliana*, imma semplicement dik ghall-hlas ta' imghaxijiet mitlufa minhabba d-dewmien biex jinghataw il-flus li kienu ntitolati ghalihom, dawk li fid-duttrina insibuhom bhala *interessi moratori*. Infatti jsostni illi tali danni huma kkomtemplati fl-artikolu 1139 tal-Kap.16 ntitolat *: "Danni li ghandhom jithallsu jekk l-obbligazzjoni tikkonsisti fi hlas ta' somma ta' flus*", dan l-artikolu jistipula illi :

"**Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta', jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena**."

L-istess konvenut jsostni ghalhekk illi a bazi wkoll ta' dak li nsibu fiz-zewg artikoli sussegwenti, l-kreditur kull ma jrid jaghmel huwa li jipprova illi tassew kien intitolat ghal dawk il-flus (art.1140) u li jkun ghamel intimazzjoni permezz ta' att gudizzjarju lid-debitur sabiex izommu fil-mora, gialadarba bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, d-dejn ma jkunx wiehed kummercjali (art. 1141(2)) .

In sostenn tat-tezi rispettiva taghhom il-kontendenti jiccitaw diversi awturi u jaghmlu referenza ghal gurisprudenza sew lokali u anke kontinentali *in materia* . A skans ta' ripetizzjonijiet inutili l-Qorti taghmel referenza shiha ghal dawn in-noti ferm studjati li jinsabu fl-atti processwali .

Wara li ezaminat sew dak li kellhom xi jghidu l-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi ma tistghax lanqas taccetta dak li jikkontendi l-konvenut f'dan ir-rigward . Huwa minnu illi finalment l-obbligazzjoni tal-konvenut tassew kienet tikkonsisti fi hlas ta' somma ta' flus . Imma, kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-artikolu 1139, il-kaz in ezami ma kienx jinvolvi **"l-hlas ta' somma determinata"**, ghaliex l-ammont dovut kellu jigi stabilit mill-Qorti permezz tal-kawza fuq imsemmija, intavolata mill-istess atturi u deciza fl-1995 . Inoltre dan l-artiklu jirreferi ghall-effetti ta' l-obbligazzjonijiet in generali, u allura jittratta l-kaz fejn l-obbligazzjoni tirrigwarda biss il-hlas ta' somma ta' flus specifika .

Imma l-artikolu 1047 li fuqu qeghdin jibbazaw l-azzjoni prezenti taghhom l-atturi, jirrigwarda azzjoni partikolari ghall-hlas ta' danni f'kaz ta' htija da parti tad-debitur, taht is-sezzjoni li tittratta **d-delitti u kwazi-delitti .** L-atturi jikkontendu illi l-konvenut mhux semplicement naqas li jhallashom dak dovut lilhom, imma ghamel hekk konsapevolment sabiex jikkawzalhom il-hsara . Hija appuntu din l-allegazzjoni li jridu ghalhekk jipprovaw l-atturi fil-kors tas-smiegh tal-kawza prezenti .

Huwa minnu, kif isostni l-konvenut, illi jekk l-atturi ma jirnexxilhomx jipprovaw sodisfacentement ghal din il-Qorti l-allegazzjonijiet taghhom, huma ser ikunu ntitolati biss ghall-imghaxijiet fuq is-somma dovuta mid-data ta' l'interpellazzjoni ghall-hlas li saritlu permezz ta' att gudizjarju, li fil-kaz taghna sar bl-ittra ufficcjali hawn fuq imsemmija ta' l-10 ta' Mejju 2000 . Imma minn naha l-ohra f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-atturi, huma a tenur ta' l-artikolu 1047 tal-Kap.16, ser ikollhom dritt ukoll ghal kumpens ulterjuri, li jkun irid jigi stabilit minn din il-Qorti, tenut kont tat-telf ta' uzu ta' flus l-atturi b'effett mid-data tal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lilhom bis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi f'dan l-istadju, billi filwaqt illi tichad l-eccezjoni tal-konvenut fuq il-preskrizzjoni, tiddikjara illi l-atturi kienu

korretti jibbazaw il-kawza prezenti taghhom fuq il-*culpa aquiliana* a tenur ta' l-artikolu 1047 tal-Kap.16, u thalli l-kawza ghal-kontinwazzjoni sabiex l-istess atturi jressqu l-provi taghhom dwar dak li jesigi l-istess artikolu tal-ligi .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S21400Pc(sup)
1812